# Il-Kappella tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri

*minn Joseph C. Camilleri*

Għalkemm aktar ma jgħaddi ż-żmien, Malta qiegħda aktar tinbena, minħabba d-domanda għad-djar għall-familja ġodda u għall-entrapriżi industrijali, hemm irqajja' fejn din l-id urbanika għadha ma daħlitx. Waħda minn dawn l-irqajja' hija l-firxa art li hemm bejn l-Imqabba u ż-Żurrieq. Din il-lokalità hija magħrufa bħala Ħal Millieri. L-ambjent f'din il-firxa art qisu ġie minsi miż-żmien. Jekk wieħed jimxi ftit, isib ruħu ħiereġ mis-seklu 21 u dieħel f'seklu qabel il-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Ħal Millieri għandu s-seħer tiegħu. Xi kamra fl-għalqa 'l hawn u 'l hemm, xi kappella fin-nofs u ħitan li jifirdu għalqa minn oħra. Illum minn dan ir-raħal baqa' biss ismu. Hawn min hu tal-fehma li l-kunjom popolari *Camilleri* ġej minn dan l-isem. Casal Millieri sab ruħu f'Camilleri. Il-kelma Casal li tfisser raħal waqgħulha l-aħħar tliet ittri u ngħaqdet mal-kelma Millieri. Fost dawn il-kappelli hemm waħda li tispikka aktar mill-oħrajn. Din hi l-kappella tal-Lunzjata, li hija ġawhra kbira tal-kultura Maltija, *souvenir* tas-seklu 15 u 16.

**L-ambjent tal-kappella**

Il-kappella hija mdawra b'ħajt għoli. Dan il-ħajt jifred il-kappella mill-bqija tal-kampanja ta' Ħal Millieri. F'nofs dan il-ħajt hemm bieb kbir bi grada tal-ħadid. Fuq dan il-bieb hemm salib tal-ġebel. L-istil tal-bieb hu wieħed barokkali. Aktarx dan il-bieb hu xogħol tas-seklu 17 u forsi sar biex jagħlaq l-għelieqi ta'madwar il-kappella mill-bqija tat-triq. Hekk kif tidħol minn dan il-bieb issib ruħek fi ġnien b'kappella fin-nofs.Biswit il-bieb hemm passaġġ dejjaq.Din il-firxa żgħira ta' art, li tinsab quddiem il-kappella, kienet tintuża bħala ċimiterju. Il-mejtin ta' dan iċ-ċimiterju kienu mietu b'mard infettiv. Il-kappella tal-Lunzjata għandha kappella oħra biswitha. Din hija l-kappella tal-Viżitazzjoni ta' Sidtna Marija lil Santa Eliżabetta. Tant, li l-kappella tal-Lunzjata kellha bieb li jagħti għall-kappella l-oħra. Illum dan il-bieb ġie mblukkat bil-ġebel. Dan sar qabel is-sena 1968.

**Il-bini tal-kappella**

Il-kappella ġiet mibnija b'diversi tipi ta' ġebel. Għandha forma ta' kamra rettangulari. Din tifforma l-korsija tal-kappella. Is-saqaf hu mibni fuq sistema ta' arkati. Dawn huma bbuzzati ftit 'il barra miż-żewġt iġnub. Dawn l-arkati jaqsmu l-korsija f'ħames fetħiet. L-ispazju ta' bejn dawn l-arkati hu l-istess. Bejn kull arkata hemm pittura mpittra fuq ħajt li ngħidulha *fresco*. Taħt il-*frescos* hemm bankijiet. Dawn aktarx kienu jintużaw biex isir it-tgħalim tad-duttrina lit-tfal tar-raħal. Din l-idea ta' bankijiet tinsab ukoll fil-kappella ta' San Basilju fl-Imqabba. Fil-parti fejn kien hemm il-passaġġ għall-kappella tal-Viżitazzjoni ma hemmx *frescos* u l-anqas ma hemm bank tal-ġebel. l-art tal-kappella hija magħmula minn ċangaturi. Din aktarx saret qrib is-sena 1480. Partijiet mill-kappella kienet tintuża bħala ċimiterju.

**Il-faċċata u storja**

Il-faċċata hija tipikament Maltija. Fin-nofs tal-kappella hemm bieb żgħir li fuqu hemm disinn arkitettoniku. Fuq dan il-bieb hemm kampnar żgħir, li fuqu l-lum hemm salib. Il-qanpiena ta' din il-kappella saret fis-sena 1634. Il-kappella għandha artal wieħed. Qabel kellha aktar. L-istil minn ġewwa hu wieħed Sikulu-Normann. Fis-sena 1575 żarha Monsinjur Pietro Dusina. Dan wasal Malta ftit snin wara l-Assedju l-Kbir tas-sena 1565 biex jagħmel rapport dwar is-sitwazzjoni tal-knisja f'Malta. Hu jgħid li din il-kappella kienet nieqsa mill-ħwejjeġ ta' ħtieġa. Forsi għaliex in-nies kienu ħallew darba għal



*Dehra ġenerali tal-Knisja tal-Lunzjata*



## IL-LUNZJATA - Is-Salini

Din il-kappella tinsab fuq in-naħa l-oħra tas-Salini, mhux wisq bogħod mill-Masġar Kennedy. Tinsab f'sit arkeoloġiku qrib oqbra ta' l-ewwel Ωminijiet Kristjani. Kienet tifforma parti min-Naxxar, fejn bħala wegħda, il-Kappillan kien imexxi pellegrinaġġ annwali sa ħdejha, fil-festa tal-Lunzjata. Illum, tagħmel parti mill-parroċċa ta' Burmarrad. Dan l-aħħar, il-patrijiet Franġiskani mmodernizzawha. Il-pittura titulari hi xogħol Emvin Cremona.



## IL-LUNZJATA - Kerċem, Għawdex

Il-kappella tinsab fil-limiti ta' Kerċem, mit-triq li tagħti minn Victoria u tħares 'l isfel lejn il-wied fertili tal-Lunzjata. Kappella li ilha mibnija mill-Medju Evu, minn Donna Sibila ta' Aragona, fl-1347. Madankollu, din il-kappella reġgħet inbniet fl-1629 minn Dun Pawl Tabone. Fl-1644, ir-rettur tagħha kien Don Nicola Mangion, li kkummissjona l-kwadru titulari lil Fran Luca Gamier. Fl-1959, il-kappella kienet ikkonsagrata mill-Isqof ĠuΩeppi Pace. Fiha hemm statwa ħelwa ħafna tal-Lunzjata, xogħol l-artit Għawdxi, Wistin Cammilleri. Il-festa ssir f' Awissu, u tiġbed lejha numru sew ta' nies minn Għawdex kollu.

dejjem din iz-zona u marru f'ċentri urbaniċi, bħaż-Żurrieq u l-Imqabba, li kienu qrib l-għelieqi tagħhom. Monsinjur Labini żar ukoll din il-kappella. Hu ppropona biex tiġi restawrata. Wara l-kappella ġiet mgħammra bil-ħwejjeġ meħtieġa. Fis-sena 1809, wieħed miż-Żurrieq kiseb mingħand l-Isqof Mattei l-permess li l-kappella tiġi mbierka mill-kappillan Dun Gejtu Buttigieg.

Fl-oqbra nstabu skeletri, flus ta' Sqallija tas-seklu 15, żibeġ tal-kuruna tondi li qishom magħmulin mill-ġebel u parti ta' ġebel impitter.

**Il-frescos**

Il-pittura fuq il-ħajt turi sensiela ta' qaddisin. Wieħed minn dawn il-qaddisin hu Santu Wistin. Hemm ukoll figura ta' qaddisa li aktarx hija Sant' Agata. Din il-qaddisa hija waħda mill-patruni ta' Malta, flimkien ma' San Pawl u San Pubbliju. Hemm ukoll pittura ta' San Basilju. Milli jidher dan il-kult kien popolari f'dawn in-naħat, għaliex kif diġà għedt hemm kappella fl-Imqabba dedikata lil dan il-qaddis. Hemm ukoll figura ta' San Lawrenz u oħra ta' San Ġwann. Dan il-qaddis ghandu kappella ftit passi bogħod mill-kappella tal-Lunzjata. San Ġorġ fuq id-dragun jidher ukoll, waqt li hemm ukoll San Vinċ enz. Hemm oħra turi li San Pawl fuq iż-żiemel. Din il-figura għandha l-bandiera tar-Reliġjon Nisranija. Tgħid din il-pittura tirreferi għall-ġrajja li seħħet fuq is-swar ta' l-Imdina meta San Pawl deher ikeċċi l-Mori minn Malta? Din il-ġrajja hija magħrufa bħala tal-"Ħobż u Ġbejniet".

Fil-kappella nstabet ukoll pittura ta' *fresco* rumana. Din instabet fuq il-bieb li mill-kappella tal-Lunzjata jagħti għall-kappella tal-Viżitazzjoni. Fl-oqbra nstabu wkoll biċċiet maqsuma tal-ġebel li qabel kien jifforma parti minn ċirku tad-deheb li kien jitpoġġa wara ras xi qaddis jew anġlu. Hemm ukoll *frescos* Biżantini. Dawn kienu jixbhu wkoll lil dawk li nstabu fix-xlokk ta' Sqallija.

**Illum**

Il-kappella tal-Lunzjata ġiet irrestawrata mill-għaqda *Din l-Art Helwa*. Dan ix-xogħol sar, grazzi ta' l-interess li ħa l-Imħallef Dr M Caruana Curran. Qatgħulha wkoll is-siġar u l-ħaxix li kien hemm jikber mal-ħitan tagħha. Irranġawlha l-ħajt tan-naħa ta' fuq għax kien qiegħed jitmermer. Ġie restawrat ukoll il-ġebel tas-saqaf biex ma jgħaddix l-ilma tax-xita, li jista' jiekol iċ-ċangaturi u jidħol fil-ħamrija li hemm taħt dawn iċ-ċangaturi.

**Il-valuri**

Il-kappella tal-Lunzjata għandha valur kbir. L-ewwel valur hu wieħed reliġjuż. Din turi li anke fis-sekli ta' qabel il-wasla tal-Kavallieri, missirijietna kellhom devozzjoni lejn il-Madonna tal-Lunzjata. Dan il-kult kien mifrux ma' Malta kollha, tant li nsibu artali u kappelli dedikati lil-Lunzjata f'dawk iż-żminijiet. Tant, li wieħed mill-artali ewlenin tal-Katidral ta' l-Imdina hu dedikat lil-Lunzjata. F' dan il-kappellun hemm il-pittura ta' San Pawl fuq iż-żiemel, xogħol tal-Preti. Dan l-inkwadru juri l-ġrajja tal-"Ħobż u Ġbejniet". Hemm ukoll il-valur artistiku. L-ebda kappella ma għandha sensiela ta' affreski li ġew preservati hekk sewwa. Barra minn hekk, hemm il-valur ta' kappella li minħabba dak il-ħajt li għandha ġiet preservata hekk sewwa. Hija wkoll tifkira, flimkien mal-kappelli l-oħra, ta' komunità li llum spiċċat u tħalltet mal-komunitajiet oħra. Hija wkoll *souvenir* ta' ħajja li kienet tesisti fost in-nies tar-raba'. Il-Kappella tal-Lunzjata hija monument storiku u artistiku li kull Malti u Għawdxi għandu jgħożż.



*Dehra ta' l-Artal bil-ħnejjiet*

**Referenzi :-**

Antoine Farrugia, *Il-Knisja tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri,* Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Imqabba, Programm Festa Santa Marija 1996
Heritage Nru 1